**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 10 ta' Novembru 2022**

**Rikors Nru. 1109/17 GM**

**Joseph Attard, Francis Polidano, Joseph Aquilina, Mario Sultana, Andrew Bartolo, Louis Cachia, Mario Lia, Peter Farrugia, Joseph Galdes, Carmelo Degabriele, Raymond Alamango, John Grech, Joseph Camilleri, Joseph Gatt, Michael Farrugia, Michael Ellul, Angelo Azzopardi u Carmen Schembri bħala eredi ta` Nazzareno Grech.**

vs

**Onor. Ministru għall-Finanzi**

**Onor. Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali;**

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi;**

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja,**
**Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Joseph Attard et. li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1) L-atturi huma u/jew kienu kollha impjegati tal-Engineering Resources Limited, salv għall-attur Nazzareno Schembri illi kien impjegat tal-Korporazzjoni EneMalta.

2) Huma kollha kienu ġew ngaġġati mill-Malta Electricity Board (MEB) f'Awwissu tas-sena 1976 u kienu trasferiti lill-Korporazzjoni Enemalta fl-1 ta' Ottubru 1977. Illi huma kollha, għajr għal Nazzareno Schembri kif ġja ingħad, ġew sussegwentament ttrasferiti fuq il-kotba tal-Engineering Resources Limited, filwaqt illi l-attur Nazzareno Schembri baqa' fuq il-kotba tal-Korporozzjoni EneMalta.

3) Id-dokumenti uffiċjali juru illi l-atturi ġew impjegati mill-MEB bħala trainee fitters u fi Frar tas-sena 1978, wara li kienu trasferiti mal-Korporozzjoni EneMalta, ġew approvati u ngħataw il-ħatra tagħhom bħala Mechanical/Electrical Fitter, Steam Plant jew Turbo Electric Plan Operotor.

4) Fis-sena 1976, meta ġew ingaġġati mill-MEB bħala hekk imsejħa trainee fitters, l-atturi kienu għadhom kemm temmew b'suċċess kors ta' erba' snin fl-inġinerija mekkanika jew elettrika, u kienu ċertifikati bħala tali - iżda, għal raġuni li ħadd ma jafha, kienu reġistrati bħala trainee fitters, grad illi fil-verita', kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża, lanqas ma kien jeżisti fis-settur pubbliku f'dak iż-żmien.

5) Bejn il-perjodu Novembru 1976 (trainee fitters) u Frar 1978 (Mechanical/ Electical Fitter/Steam Plant jew Turbo Electric Plant Operator), huma tħallsu paga regolori, ħallsu t-taxxi kollha, ħadmu bil-ktieb tax-xogħol, kellhom l-istess kundizzjonijiet ta' impjieg bħal sħabhom il-ħaddiema mpjegati l-oħra kollha, kienu fuq l-istess leave records bħal ħaddiema oħra, kellhom l-istess Occupational Health records bħal ħaddiema oħra u qatt ma ngħataw taħriġ iżda dejjem ħadmu fuq il-lantijiet tax-xogħol tal-MEB bħala fitters, ma' fitters oħrajn u bħal fitters oħrajn.

6) Meta l-ex ħaddiema tal-MEB kienu ngħataw il-gratuity għall-perjodu ta' bejn it-12 ta' Awwissu 1976 u l-31 ta' Diċembru 1979 bħala rikonoxximent, din tħallset lill-ħaddiema KOLLHA li kienu hekk impjegati magħhom, mhux lanqas lill-atturi.

7) Fattwalment, l-isem trainee fitters kien biss fuq il-karta, għaliex bit-taħriġ u ċ-ċertifikati li ġew ngaġġati bih fi ħdan l-MEB, l-atturi setgħu, u fil-fatt ħadmu, bħala fitters regolari bħal fitters oħrajn li ġja kienu fl-impjieg tal-MEB.

8) Filwaqt illi hemm numru ta' impjegati tal-MEB li ħadu l-pensjoni magħrufa bħala "tat-Teżor" skont l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta) taħt il-pretiża illi dawk kienu "confirmed in pensionoble office" in kwantu illi kienu, hekk msejħa, tal-post, qabel ma' l-MEB saret entita' pubblika, l-atturi, peress illi jirriżulta illi kienu reġistrati (għat-titlu u fuq il-karta) bħala trainees, ġew mgħarrfa illi mal-eta' tal-irtirar tagħhom, huma ser jiġu esklużi mill-applikazzjoni

tal-Kap 93 u allura wkoll mid-dritt tagħhom li jgawdu l-pensjoni "tat-Teżor" bħal sħabhom kif stabbilita bl-istess liġi.

9) Dan ġie mgħarraf lill-atturi b'deċiżjoni meħuda mill-intimat Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali tat-8 ta' Awwissu 2017 b'email ta’ l2:16pm mibgħuta lill-Avukat tal-atturi, kopja annessa.

10) Jirriżulta illi l-pensjoni "tat-Teżor" ai termini tal-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta, qed igawduha, mhux biss dawk li kienu impjegati tal-Gvern, iżda wkoll dawk l-impjegati tal-MEB li ġew trasferiti mal-Korporazzjoni EneMalta f'Ottubru 1977 u kienu impjegati tal-MEB fiż-żmien meta l-MEB kienet obbligata li tħaddem skema ta' pensjoni analoga għal dik tat-Teżor.

11) Dan sar wara illi l-awtoritajiet Governattivi riedu illi jsewwu anomaliji li kienu jeżistu fil-pensjonijiet tal-ħaddiema tal-MEB, li ma kienux ftit, u di fatti, b'miżuri amministrattivi u hekk implimentati anke wara l-aħħar żewġ "Budgets" - numru kbir ta' ex-ħaddiema tal-MEB bdew igawdu u jibbenefikaw minn skema sabiex tali anomaliji msemmija jiġu rranġati. Dan kollu sewwa u tajjeb iżda din l-iskema hija applikabbli biss għal numru ta' ħaddiema tal-EneMalta li qabel ma twaqqfet l-istess EneMalta, kienu jagħmlu parti mill-MEB, bil-konsegwenza illi l-atturi ġew esklużi.

12) Jirriżulta illi mill-ħaddiema KOLLHA tal-ex MEB issa huma biss l-atturi illi huma esklużi milli jgawdu mill-pensjoni tat-Teżor kif hawn fuq msemmi u stipulat.

l3) Jidher illi għar-raġuni biss illi l-atturi kienu impjegati tal-MEB imma fuq il-karta indikati bħala "trainees", l-atturi ser jiġu mċaħħda milli jgawdu huma wkoll, bħal sħabhom ħaddiema u impjegati tal-MEB l-oħra, il-pensjoni "tat-Teżor" skont il-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew il-benefiċċju tal-iskema introdotta mill-awtoritajiet sabiex tneħħi l-anomaliji fil-pensjonijiet - bil-konsegwenza, illi huwa minnu illi l-konvenuti sewwew u neħħew anomaliji illi kellhom numru ta' ħaddiema, imma ċertament mhux tal-atturi.

14) L-atturi b'hekk ser jiġu mċaħħda milli jgawdu anke huma d-drittijiet tagħhom ta' pensjoni bħal sħabhom ħaddiema tal-MEB, u dan kemm peress illi ma ngħatawx id-drittijiet tal-pensjoni u kif ukoll peress illi qed jiġu esklużi mill-iskema msemmija, anke jekk donnu l-intimat Segretarju Permanenti qiegħed, bi pjaċir, jikkonsidra, kollox taħt il-pretiża illi bejn is-sena 1976 u s-sena 1978, huma kienu "trainees" - pożizzjoni din illi qed tiġi firmament ikkontestata mill-atturi, mhux tant għaliex in-nomenklatura ma kinitx hekk, iżda għaliex fattwalment u fil-prattika, huma ġew ingaġġjati u impjegati mal-MEB bħala fitters kwalifikati, ħadmu bħala tali, gawdew u batew il-kundizjonijiet kollha, kollox kif hawn fuq premess.

15) Dan għalhekk huwa aġir diskriminatorju da parti tal-intimati jew min minnhom peress illi (a) fl-ewwel lok ġew applikati l-provvedimenti tal-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod divers bejn ħaddiema u/jew pensjonanti illi jinsabu f'ċirkostanzi simili u (b) fit-tieni lok bi ksur tal-Artiklu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta illi jiggarantixxi trattament ugwali wkoll għal fini ta' pensjonijiet, kif inoltre' ben stabbilit b'sentenzi tal-Qorti Ewropea u kif ukoll Maltija.

l6) B'dan kollu premess allura din l-anomalija, din l-inġustizzja, dan it-trattament diskriminatorju jrid jieqaf u jispiċċa darba għal dejjem u jrid ikun assikurat illi l-liġi tapplika l-istess għal kulħadd, mingħajr distinzjoni jew favuri, u kellha ssir din il-

kawża peress illi Protest Ġiudizzjajru mressaq mill-atturi fis-7 ta' Novembru 2017 ma ħalliex l-eżitu mixtieq mill-atturi, anżi lanqas biss kien hemm risposta għalih.

17) Fuq kollox hawnhekk si tratta ta' fondi pubbliċi u għalhekk illi r-rikorrenti qegħdin ukoll hawnhekk iħarrku lill-Ministru tal-Finanzi u s-Segretarju Permanenti fl-istess Ministeru, li ċertament illi jkollhom vuċi u involvement fid-deċiżjoni meħuda u illi għandhom tiġi mistħarrġa mill-Qrati tagħna, għall-integrita' tal-ġudizju tagħhom.

l8) Ir-rikorrenti jsostnu illi d-deċiżjoni/għemil amministrattiv li għandha tiġi mistħarrġa f'din il-kawża, ossia, illi ċċiħħad lir-rikorrenti milli jingħataw dritt ta' pensjoni bħal ma ngħataw il-ħaddiema kollha l-oħra ex-MEB komparati magħhom u kif komunikat lill-atturi fit-8 ta' Awwissu 2017, jikkostitwixxi għemil amministrattiv li permezz. tiegħu, l-awtorita' pubblika intimata kif vestita fl-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali u l-intimati l-oħrajn, aġixxiet ħażin għax "sar għal għanijiet mhux xierqa" u huwa msejjes fuq "konsiderazzjonijiet mhux rilevanti" (469A (l ) (iii)) u wkoll, "imur kontra l-liġi" (469A (1 ) (iv)) u senjatament kontra l-Artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jiggarantixxi trattament ugwali wkoll għal fini ta' pensjonijiet, kif inoltre ben stabbilit b'sentenzi tal-Qorti Ewropea u kif ukoll Maltin u allura għandu jiġi dikjarat żbaljat, null, invalidu u mingħajr effett għal finijiet u effetti kollha legali.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

l. Tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-intimat Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali, liema deċiżjoni ġiet komunikata lill-atturi fit-8 ta' Awwissu 2017 u li permezz tagħha l-intimat msemmi ma laqax it-talba tal-atturi kif hemmhekk premess u konsegwentament ċaħħad lir-rikorrenti, quo ex-ħaddiema tal-MEB, milli jgawdu huma wkoll il-pensjoni tat-teżor ai termini tal-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew l-iskema maħduma u ta' benefiċċju għal uħud mill-ex-ħaddiema tal-MEB, hija deċiżjoni nulla, invalida u mingħajr effett għar-raġunijiet hawn fuq premessi, imma fuq kollox għaliex hija meħuda għal għanijiet mhux xierqa, msejsa fuq konsiderazjonijiet irrelevanti u tmur kontra l-Artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Mala.

2. Tordna konsegwentament illi r-rikorrenti jiġu trattati bl-istess mod kif ġew trattati sħabhom l-oħra kollha ex-ħaddiema tal-MEB, sabiex b'hekk, ir-rikorrenti wkoll jiġu intitolati għas-somma u l-pensjoni tat-Teżor ai termini tal-KAP 93 tal-Liġijiet ta' Malta bl-istess mod illi qed igawdu minnha ħaddiema u ex-ħaddiema oħra tal-MEB u/jew l-iskema mnedija mill-awtoritajiet governattivi sabiex isewwu l-anomaliji fil-pensjonijiet tal-ħaddiema u ex-ħaddiema tal-MEB.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Onorevoli Ministru għall-Finanzi, tal-Onorevoli Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali, tas-

Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi u tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali li permezz tagħha eċċepew illi :

1. In linea preliminari, il-Ministru għall-Finanzi, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi mhumiex il-leġittimi kontraditturi u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju u dan *inter alia* ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. In linea preliminari wkoll, l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijet ta' Malta) li abbażi tiegħu jidher li ġiet intavolata din il-kawża mhux applikabbli stante dak li qiegħed jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju tiegħu u ma jaqax fit-tifsira ta' "għemil amministrattiv" li nsibu fis-subinċiż 2 ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

3. Preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' fondament legali tal-azzjoni in kwantu tirreferi għall-Artikolu 27 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) stante l-inapplikabilita' tal-Artikolu 27 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta) għall-persuni impjegati fis-servizz pubbliku;

4. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Bħala fatti jirriżulta r-rikorrenti ġew ingaġġjati bħala apprentisti (*trainees*) mal-Malta Electricity Board (MEB) fit-13 t`Awwissu 1976. Fl-1 t`Ottubru 1977 il-MEB ġiet inkorporata fl-Enemalta Corporation u l-protestanti għaddew mal-Korporazzjoni Enemalta bħala *trainees* sad-19 ta` Jannar 1978 u cioe` sad-data meta ġew appuntati bħala *Tradesmen*. Fil-perjodu bejn it-13 t`Awwissu 1976 sat-18 ta` Jannar 1978 ir-rikorrenti ma kienux meqjusa bħala "uffiċjali pubbliċi" u lanqas kienu kkunsidrati bħala tal-post proprju għaliex kienu għadhom *trainees*.

6. Fil-mument meta l-MEB spiċċa u minflok bdiet topera l-Korporazzjoni Enemalta fl-1 ta` Ottubru 1977, dawk l-impjegati tal-MEB li kienu għadhom *trainees*, bħal ma kienu r-rikorrenti, ma setgħux jitqiesu bħala "uffiċjali pubbliċi" u allura lanqas ma jistgħu jiġu kkunsidrati li kienu f`kariga pensjonabbli skont il-liġi.

7. L-Ordinanza tal-Pensjonijiet, Kap 93 tal-Liġijiet ta` Malta jagħmilha ċara li uffiċjal li jkun impjegat taħt prova m`għandu l-ebda jedd għal pensjoni taħt dik l-Ordinanza ġialadarba ma jkunx ġie kkonfermat f`kariga pensjonabbli u persuni li jkunu impjegati bħala *trainees* jaqgħu taħt din il-kategorija. Il-perjodu li persuna tagħmel bħala *trainee* ma jistax jitqies bħala servizz għal fini tal-pensjoni tas-

servizz u għalhekk ir-rikorrenti m`humiex eliġibbli biex jirċievu l-pensjoni mertu tal-kawża.

8. Tant hu hekk li meta r-rikorrenti ġew ingaġġjati bħala *trainees* mal-MEB dan sar bl-għan li waqt iż-żmien tat-*traineeship* tagħhom huma jieħdu dak it-taħriħ neċessarju u jużaw l-faċilitajiet kollha fuq il-lant tax-xogħol sabiex jilħqu livell tajjeb fit-*trade* tagħhom u jkunu jistgħu jissottomettu ruħhom għal *trade test* wara li jkun intemm il-perjodu ta` taħriġ. Fil-fatt il-ħaddiema sabiex jiksbu impjieg permanenti mal-Enemalta u b`hekk jiġu kklassifikati fil-Grad D tas-salarji mal-Gvern kellhom bżonn ukoll *Journeyman`s certificate* li jinkiseb wara eżami appożitu li jsir mill-Labour Office.

9. Għalhekk l-intimati jiċħdu bil-qawwa kollha li fil-każ odjern hemm xi diskriminazzjoni jew inġustizzja għaliex għandna żewġ kategoriji ta` persuni li huma differenti. Illi l-aġir tal-esponenti dejjem kien wieħed leġittimu u ċertament mhux wieħed abbużiv stante illi huma dejjem aġixxew b'konformita' mal-Liġi, dejjem sar għall-għanijiet xierqa u dejjem kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet rilevanti;

10. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti jmur oltre s-setgħat ta' dina l-Onorabbli Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju u għalhekk dina t-talba għandha tiġi miċħuda;

Rat li din il-Qorti, diversament ippreseduta, ċaħdet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jattakkaw deċiżjoni li m'humiex intitolati għal pensjoni "Tat-Teżor".

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jsostnu li l-Ministru għall-Finanzi, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi mhumiex il-leġittimi kontraditturi. Ebda trattazzjoni ma saret ta' din l-eċċezzjoni da parti tal-konvenuti waqt is-smigħ ta' din il-kawża. Din il-Qorti, diversament ippreseduta, bi qbil mal-partijiet, tat sentenza fuq it-tieni u t-tielet eċċezzjoni mingħajr ma kkunsidrat l-ewwel eċċezzjoni. Jidher car li din l-eċċezzjoni ma ngħatatx importanza. B'danakollu din il-Qorti kif issa ppreseduta tinnota li t-talbiet tal-atturi mhumiex diretti kontra l-konvenuti fuq imsemmija u għalhekk sejra tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

Permezz tal-għaxar eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jsostnu li r-rimedju mitlub mill-atturi jmur oltre s-setgħat ta' din il-Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, mingħajr ma jispjegaw x'inhuma l-limiti tas-setgħat ta' din il-Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju u konsegwentement fejn it-talbiet imorru lil hinn minn dawn is-setgħat. Lanqas jagħtu spjegazzjoni ta' din l-eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tagħhom.

Il-limiti tas-setgħat tal-Qorti f'kawżi ta' din ix-xorta ġew spjegati b'sengħa kbira mill-Onorevoli Mħallef Joseph R. Micallef kif ġej:

> "F'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju huwa stabilit li l-Qorti twettaq funzjonijiet limitati maħsuba biex tara li l-għemil amministrattiv ikun twettaq skont il-liġi, b'użu xieraq tas-setgħat mogħtijin mil-liġi lill-awtorita' li tkun, u b'mod li ma jkunx hemm u la ksur tal-jeddijiet imħarsin mill-ġustizzja naturali u lanqas twettiq abbużiv tal-istess setgħat. Bħala tali, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-Qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-għemil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-Qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-għemil amministrattiv, liema għemil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorita' pubblika li tkun;
>
> "Illi dan ir-rwol tal-Qorti ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-għemil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrativ

għandha tqis is-siwi ta' għemil bħal dak skont il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-għemil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorita' kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorita' li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti terġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorita' għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ.[1] Jista' jkun li l-każ partikolari jitlob li l-Qorti tindika lill-awtorita' pubblika li tkun li, meta tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet tagħha jkunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-għemil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ". [2]

M'hemmx dubju li l-ewwel talba taqa' fil-limiti tas-setgħat ta' din il-Qorti in kwantu permezz tagħha qiegħed jintalab it-tħassir tal-għemil amministrattiv li qiegħed jiġi attakkat. Min-naħa l-oħra, it-tieni talba, kif inhi vergata donnu li permezz tagħha l-atturi qegħdin jippretendu li l-Qorti tordna lill-konvenuti jagħtu l-pensjoni "tat-Teżor" lill-atturi u għalhekk il-Qorti sejra toqgħod attenta li tilqagħha b'mod li ma toħroġx 'il barra mill-konfini tat-territorju ġurisdizzjonali tagħha.

L-impjegati tas-servizz ċivili li ġew ingaġġati qabel is-sena 1979 kienu jingħataw pensjoni, volgarment imsejħa l-pensjoni tat-Teżor. Xi mpjegati taċ-ċivil ġew assenjati mal-Malta Electricity Board ("MEB"), u dan kien ifisser li l-impjieg tagħhom maċ-ċivil kien jintemm mal-ħatra tagħhom mal-MEB, billi dak iż-żmien ma kienx hemm is-sistema tal-lum illi ħaddiem taċ-ċivil meta jiġi *detailed* f'xi entita` oħra, jibqa' jżomm id-drittijiet tiegħu bħala uffiċjal pubbliku. Billi minħabba f'hekk dawn il-persuni kienu sejrin ibatu minn telf tal-pensjoni tat-Teżor, il-MEB kellha ddaħħal sistema ta' pensjonijiet bħal dik tat-Teżor. Din iżda qatt ma ġiet imwettqa. Billi iktar tard l-MEB ġiet xolta, il-Kabinett iddeċieda li jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas fir-rigward tal-ex-

[1] App. Ċiv. 11.5.2010 fil-kawża fl-ismijiet Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et
[2] Halida Kudozovic v Professur Juanito Camilleri 30.05.2014 Prim'Awla.

impjegati tal-MEB. Jidher li d-deċiżjoni kienet tapplika għall-ex-impjegati kollha tal-MEB u mhux biss għal dawk li qabel kienu fis-servizz ċivili.

L-atturi qatt ma kienu fis-servizz ċivili. Għamlu korsijiet fi skejjel tas-snajja u ddaħħlu jaħdmu mal-MEB permezz tal-Labour Office, bħala *trainees*. B'danakollu qegħdin jitolbu li jingħataw il-pensjoni tat-Teżor għaliex isostnu li ma kinux *trainees* iżda impjegati normali tal-MEB.

Id-difiża fil-mertu li tinstab fl-eċċezzjonijiet numru 5 sa 8, hija bbażata fuq il-premessa li l-atturi kienu *trainees*.

Fil-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet, jgħidu li fil-perjodu bejn it-13 t`Awwissu 1976 sat-18 ta` Jannar 1978 ir-rikorrenti ma kienux meqjusa bħala "uffiċjali pubbliċi" u lanqas kienu kkunsidrati bħala tal-post proprju għaliex kienu għadhom *trainees*.

Is-seba' eċċezzjoni hi fis-sens li l-Ordinanza tal-Pensjonijiet, Kap 93 tal-Liġijiet ta` Malta jagħmilha ċara li uffiċjal li jkun impjegat taħt prova m`għandu l-ebda jedd għal pensjoni taħt dik l-Ordinanza ġialadarba ma jkunx ġie kkonfermat f`kariga pensjonabbli u persuni li jkunu impjegati bħala *trainees* jaqgħu taħt din il-kategorija. Il-perjodu li persuna tagħmel bħala *trainee* ma jistax jitqies bħala servizz għal fini tal-pensjoni tas-servizz u għalhekk ir-rikorrenti m`humiex eliġibbli biex jirċievu il-pensjoni mertu tal-kawża.

It-tmien eċċezzjoni hi li meta r-rikorrenti ġew ingaġġjati bħala *trainees* mal-MEB dan sar bl-għan li waqt iż-żmien tat-*traineeship* tagħhom huma jieħdu dak it-taħriġ neċessarju u jużaw l-faċilitajiet kollha fuq il-lant tax-xogħol sabiex jilħqu livell tajjeb fit-*trade* tagħhom u jkunu jistgħu jissottomettu ruħhom għal *trade test* wara li jkun intemm il-perjodu ta` taħriġ. Fil-fatt il-ħaddiema sabiex jiksbu impjieg permanenti mal-Enemalta u b`hekk jiġu kklassifikati fil-Grad D

tas-salarji mal-Gvern kellhom bżonn ukoll *Journeyman`s certificate* li jinkiseb wara eżami appożitu li jsir mill-Labour Office.

L-atturi jaċċettaw li ġew ingaġġati bħala *trainees* tant li hekk jipremetti fir-Rikors Ġuramentat tagħhom. Pero` jsostnu li bħala stat ta' fatt kienu mpjegati regolari, u waqt is-smigħ tal-kawża ressqu għadd ta' provi, konsistenti kemm f'evidenza diretta kif ukoll f'evidenza indiretta jew indizji, in sostenn ta' din l-allegazzjoni.

Jirriżulta li huma ġew ingaġġati mal-MEB wara li għamlu b'suċċess kors ta' tliet snin wara sejħa tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni datata 2 ta' Settembru 1975 bil-wegħda li min jgħaddi minn dak il-kors ikollu mpjieg garantit;[3] qatt ma applikaw għal apprendistat iżda kienu mibgħuta mil-Labour Office f'Awwissu 1976 biex jibdew jaħdmu mal-MEB; kienu jaħdmu fultajm bl-istess kundizzjonijiet tax-xogħol u bl-istess benefiċċji ta' ħaddiema oħra; meta ġew traferiti mal-Enemalta ingħataw *gratuity* ta' ġimgħa paga għal kull sena li kienu ħadmu; l-attur Peter Farrugia kien membru tal-General Workers' Union li ma kinitx taċċetta apprendisti bħala membri; ittra mill-Human Resources Section tal-Enemalta tikkonferma li "since August 1976 (l-attur) Mr Alamango has been carrying out normal operational duties"; dokumentazzjoni tal-Jobsplus tindika li l-atturi Joseph Attard u John Grech kienu impjegati fultajm bħala General Officers mit-12 t' Awwissu 1976; u li l-attur Joseph Aquilina kien impjegat fultajm bħala Principal Dist. Technical Officer mit-13 t'Awwissu 1976; ħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` nazzjonali u t-taxxa fuq id-dħul.[4]

Kuntrarjament għal apprendisti kienu jitħallsu tal-overtajm; kienu jagħmlu x-xogħol waħedhom u mhux taħt superviżjoni; ix-xogħol kien produttiv; ma kinux jaqsmu l-ħin bejn skola u xogħol. Minn imkien ma jirriżulta li l-atturi applikaw għal apprendistat. Il-Labour Office, fi tweġiba għal mistoqsija għal kjarifika

---

[3] Fol 14.
[4] Dok PF6 mal-affidavit ta' Peter Farrugia.

mill-MEB, wieġeb li l-atturi ma kellhom jiġu kkunsidrati bħala apprendisti imma bħala *trainees,* u kellhom jitħallsu mhux inqas mill-paga minima.

Redent Balzan ikkonferma li kienu jitħallsu ftit iktar mill-apprendisti wara li dawn ikunu għamlu għadd ta' snin bħala tali. Mil-ledgers tal-MEB jirriżulta li uħud mill-atturi kienu qegħdin jiġu mniżżla bħala li qegħdin f'*permanent employment* iżda din il-kitba ġiet f'xi żmien wara mbgħabsa u mibdula għal *"apprendist"* – pożizzjoni li żgur qatt m'okkupaw l-atturi.

Apparti li ma kinux apprendisti, l-atturi lanqas kienu jingħataw xi forma ta' taħriġ.

Skont it-tmien eċċezzjoni, l-atturi kellhom bżonn jiksbu *journeyman's certificate* sabiex isiru impjegati fissi. Bħala fatt dan huwa skorrett. L-atturi qatt ma ntalbu, u qatt ma ngħataw dawn it-tip ta' ċertifikat, li ngħata biss lill-apprentisti. Ingħataw, minflok, *a certificate of proficiency.* Kienu biss l-apprentisti li kellhom jiksbu ċ-ċertifikat ta' *journeyman* qabel jiġu ngaġġati.

Joseph Mangion, *record officer* mal-Enemalta, xehed li filwaqt li l-apprentisti kienu jingħataw fit-tmiem tal-apprendistat tagħhom u l-kisba tal-*journeyman's certificate*, ittra ta' ingaġġ u b'hekk isiru impjegati; fis-sena 1978 l-atturi ngħataw ittra ta' ħatra – u mhux ta' ngaġġ - li jfisser li diġa` kienu impjegati qabel; kienu qegħdin jingħataw promozzjoni.[5]

Stabbilit li minkejja n-nomenklatura ta' *trainees,* l-atturi kienu mpjegati regolari, l-eċċezzjonijiet numru 5 sa 8 jisfaw mingħajr fundament.

Kien abbażi tan-nomenklatura li taħtha ġew impjegati, li s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali irrifjuta t-talba tagħhom għaliex din kienet tfisser, skontu, li ma kinux jikkwalifkaw bħala impjegati. Isostni li huma saru mpjegati mhux waqt li kienu mal-MEB, imma wara li kienu temmu l-ingaġġ tagħhom mal-MEB u kienu

[5] Ara fol 447 u 448.

diga` jaħdmu mal-istess Enemalta fis-sena 1977 meta ġew appuntati bħala *tradesmen* fid-19 ta' Jannar 1978.

Iżda d-drittijiet tal-ħaddiema jiskattaw mill-istat ta' fatt, u mhux min-nomenklatura. Li kieku d-drittijiet jiskattaw min-nomenklatura, min iħaddem (l-*employer*) ikun jista' jimponi n-nomenklatura li jaqbillu hu u jġib id-drittijiet tal-ħaddiem fix-xejn b'sempliċi daqqa ta' pinna.

Is-Segretarju Permanenti Mark Musu` xehed[6] li kieku rriżultalu li l-atturi kienu mpjegati tal-MEB, kienu jingħataw il-pensjoni tat-Teżor minkejja li ma kinux, qabel daħlu mal-MEB, impjegati tal-Gvern, għaliex l-obbligu tal-MEB kien li jagħmel skema ta' pensjoni simili għal tal-Gvern għall-ħaddiema kollha tiegħu. B'deċiżjoni tal-Prim Ministru fit-2017, għadd ta' ex-impjegati mal-MEB ħadu l-pensjoni tat-teżor *ex gratia*. Għalhekk l-atturi kellhom jiġu kkunsidrati bħala ħaddiema fil-kunsidrazzjoni jekk għandhomx jieħdu l-pensjoni "tat-Teżor" jew le.

Billi l-Qorti sejra tħassar id-deċiżjoni msemmija minħabba "konsiderazzjonijiet mhux rilevanti" (469A(l)(iii)), m'għandhiex għalfejn tiddeċiedi wkoll jekk l-egħmil *de quo* "imur(x) kontra l-liġi" (469A (1 ) (iv)) u senjatament kontra l-Artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u għal kull bwon fini sejra tħalli din il-kwistjoni impreġudikata.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

[6] Depożizzjoni tat-22 ta' Jannar 2022.

1. Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti billi tillibera lill-Ministru għall-Finanzi, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta’ Soċjali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Tilqa’ l-ewwel talba tal-atturi billi tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-intimat Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali, komunikata lill-atturi fit-8 ta' Awwissu 2017 u li permezz tagħha ma laqax it-talba tal-atturi li jgawdu l-pensjoni tat-teżor ai termini tal-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew l-iskema maħduma u ta' benefiċċju għal uħud mill-ex-ħaddiema tal-MEB, hija nulla, invalida u mingħajr effett għaliex ittieħdet għal għanijiet mhux xierqa, msejsa fuq konsiderazjonijiet irrelevanti.

3. Tiċħad it-tieni talba iżda minflok tordna lill-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali jikkunsidra mill-ġdid it-talba tagħhom fuq imsemmija u jqis lill-atturi bħala impjegati tal-MEB kif spjegat fil-korp ta’ din is-sentenza.

Spejjeż tal-konvenuti meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju a kariku tal-atturi filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA